2026/231 28.1.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/231

## tas-16 ta’ Diċembru 2025

## dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f’isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda fl-Anness IX (Servizzi finanzjarji), l-Anness XII (Moviment liberu tal-kapital) u l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE (Qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ kontropartijiet ċentrali)

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta’ Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) (il-“Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IX (Servizzi finanzjarji), l-Anness XII (Moviment liberu tal-kapital) u l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), kif ukoll tliet atti legali relatati, jiġifieri r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2023/450 ([4]), (UE) 2023/451 ([5]) u (UE) 2023/840 ([6]), jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX (Servizzi finanzjarji), l-Anness XII (Moviment liberu tal-kapital) u l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati kif xieraq.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/23/oj).
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/450 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-ordni li fih is-CCPs għandhom iħallsu l-kumpens imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/23, l-għadd massimu ta’ snin li matulhom dawn is-CCPs għandhom jużaw sehem mill-profitti annwali tagħhom għal tali pagamenti lill-pussessuri ta’ strumenti li jirrikonoxxu pretensjoni fuq il-profitti futuri tagħhom u s-sehem massimu ta’ dawn il-profitti li għandu jintuża għal dawn il-pagamenti (ĠU L 67, 3.3.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/450/oj).
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/451 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jispeċifika l-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti u mill-kulleġġ superviżorju meta jiġi vvalutat il-pjan ta’ rkupru tal-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 67, 3.3.2023, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/451/oj).
([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/840 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu u ż-żamma tal-ammont addizzjonali ta’ riżorsi proprji ddedikati prefinanzjati li għandhom jintużaw f’konformità mal-Artikolu 9(14) ta’ dak ir-Regolament (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/840/oj).

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u tal-Anness XII (Moviment liberu tal-kapital) u l-Anness XXII (Liġi tal-Kumpaniji) tal-Ftehim ŻEE għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BJERRE

*ABBOZZ*

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …**

**ta’ …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji), l-Anness XII (Moviment liberu tal-kapital) u l-Anness XXII (Liġi dwar il-kumpanniji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta’ Frar 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1011 fir-rigward tal-eżenzjoni ta’ ċerti parametri referenzjarji tal-kambju spot ta’ pajjiżi terzi u l-iffissar ta’ sostituti għal ċerti parametri referenzjarji li jkunu se jitwaqqfu, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([2]), li kien inkorporat fil-Ftehim ŻEE bid-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 388/2021 tal-10 ta’ Diċembru 2021 ([3]), jenħtieġ li jiżdied ukoll mal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE, bħala att emendatorju mar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew.

(3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/450 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-ordni li fih is-CCPs għandhom iħallsu l-kumpens imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/23, l-għadd massimu ta’ snin li matulhom dawn is-CCPs għandhom jużaw sehem mill-profitti annwali tagħhom għal tali pagamenti lill-pussessuri ta’ strumenti li jirrikonoxxu pretensjoni fuq il-profitti futuri tagħhom u s-sehem massimu ta’ dawn il-profitti li għandu jintuża għal dawn il-pagamenti ([4]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/451 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jispeċifika l-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti u mill-kulleġġ superviżorju meta jiġi vvalutat il-pjan ta’ rkupru tal-kontropartijiet ċentrali ([5]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(5) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/840 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu u ż-żamma tal-ammont addizzjonali ta’ riżorsi proprji ddedikati prefinanzjati li għandhom jintużaw f’konformità mal-Artikolu 9(14) ta’ dak ir-Regolament ([6]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(6) Għalhekk l-Annessi IX, XII u XXII tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1.
([2]) ĠU L 49, 12.2.2021, p. 6.
([3]) ĠU L, 2024/695, 14.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/695/oj.
([4]) ĠU L 67, 3.3.2023, p. 5.
([5]) ĠU L 67, 3.3.2023, p. 7.
([6]) ĠU L 107, 21.4.2023, p. 29.

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 19b (id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 31bh (ir-Regolament (UE) Nru 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 31i (ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1)."

2. L-inċiż li jmiss jiżdied fil-punt 31baa (ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

   "— **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1)."

3. Il-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) huwa emendat kif ġej:

   (i) jiżdiedu l-inċiżi li ġejjin:

   "— **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1),

   — **32021 R 0168**: Ir-Regolament (UE) 2021/168 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 (ĠU L 49, 12.2.2021, p. 6).";

   (ii) l-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (fa):

   "(faa) Fl-Artikolu 6b:

   (i) fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafi 1, 3 u 10, il-kliem 'jew, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'l-Kummissjoni';

   (ii) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 u fit-tielet u l-ħames subparagrafi tal-paragrafu 10, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'il-Kummissjoni';

   (iii) fil-paragrafu 5 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

   'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, abbażi tar-raġunijiet u l-evidenza pprovduta mill-awtorità msemmija fil-paragrafu 1, jew tissospendi l-obbligi tal-ikklirjar għall-klassijiet speċifiċi tad-derivati OTC permezz ta' deċiżjoni, inkella tirrifjuta s-sospensjoni mitluba.

   Meta tadotta d-deċiżjoni msemmija fil-ħames subparagrafu, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tqis l-opinjoni maħruġa mill-ESMA msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-objettivi tar-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/23 il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5(4) u (5) ta' dan ir-Regolament rigward dawk il-klassijiet ta' derivati OTC u l-ħtieġa tas-sospensjoni sabiex tiġi evitata jew tiġi indirizzata theddida serja għall-istabbiltà finanzjarja jew il-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

   Meta l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tiċħad is-sospensjoni mitluba, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet tagħha bil-miktub lill-awtorità rikjedenti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u lill-ESMA. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma minnufih lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA b'dan u tgħaddih ir-raġunijiet ipprovduti lill-awtorità rikjedenti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u lill-ESMA. Dik l-informazzjoni ma għandhiex issir pubblika.

Il-Kummissjoni u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandhom jikkooperaw bil-ħsieb li jaqblu dwar pożizzjonijiet identiċi fir-rigward tas-sospensjoni tal-obbligu tal-ikklerjar u, fejn applikabbli, l-obbligu tan-negozjar u fir-rigward tal-estensjoni tas-sospensjoni skont il-paragrafu 9.';

(iv) fil-paragrafi 6 u 10, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'att ta' implimentazzjoni' għandha taqra 'deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(v) fil-paragrafu 9, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'il-Kummissjoni tista', permezz ta' att ta' implimentazzjoni,' għandu jaqra 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista', permezz ta' deċiżjoni,';

(vi) fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 10, il-kliem 'u l-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'Kunsill'."

(iii) l-adattament li ġej jiddaħħal wara l-adattament (h):

"(ha) Fl-Artikolu 13a, fir-rigward tal-Istati EFTA, il-kliem '13 ta' Frar 2021' għandhom jinqara 'id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … [din id-deċiżjoni]'."

4. Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31ca (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE):

"31cb. **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 1 ta' dan il-Ftehim, u sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-Ftehim, it-termini 'Stati Membri', 'awtoritajiet ta' riżoluzzjoni' u 'awtoritajiet kompetenti' għandhom jinftiehmu li qed jinkludu, apparti t-tifsira tagħhom fir-Regolament, l-Istati tal-EFTA, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tagħhom u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, rispettivament.

(b) Ir-referenzi għas-setgħat tal-ESMA skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-Regolament għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu, fil-każijiet previsti fil-punt 31i ta' dan l-Anness u f'konformità miegħu, għas-setgħat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(c) Kull referenzi għal 'il-membri tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ)' jew għal 'banek ċentrali' għandha tinftiehem li tinkludi, apparti t-tifsira tagħha fir-Regolament, il-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati tal-EFTA, ħlief fir-rigward tal-Liechtenstein li għalihom dawn ir-referenzi ma japplikawx.

(d) Ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni għandhom jinftiehmu bħala referenza għall-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(e) Fil-punt (30) tal-Artikolu 2, il-kliem 'l-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)' għandu jiġi sostitwit bil-kliem 'l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE'.

(f) Referenzi għall-'qafas ta' għajnuna mill-Istat tal-Unjoni', skont id-definizzjoni fil-punt (39) tal-Artikolu 2, għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-qafas ta' għajnuna mill-Istat stabbilit mill-Kapitolu 2 tal-Parti IV tal-Ftehim ŻEE, inklużi l-Annessi u l-Protokolli rilevanti tal-Ftehim ŻEE u, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.

(g) Fil-punt (k) tal-Artikolu 4(2), il-kliem 'il-muniti tal-Unjoni' għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem 'il-muniti uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE'.

(h) Fl-Artikolu 36(1), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kelma ‘Kummissjoni’ għandha taqra ‘l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’.

(i) Fl-Artikolu 43(2), il-kelma ‘l-Unjoni’ għandha tiġi sostitwita bil-kliem ‘ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-Ftehim ŻEE’.

(j) Fl-Artikolu 73:

(i) fil-punt (b) tal-paragrafu 1, il-kliem ‘u l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandhom jiddaħħal wara l-kelma ‘EBA’;

(ii) fil-punt (b) tal-paragrafu 5, il-kliem ‘l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’.

(k) L-Artikolu 76 ma għandux japplika.

(l) Fl-Artikolu 77(1), il-kliem ‘kif imsemmi fl-Artikolu 76(1)’ m’għandux japplika fir-rigward tal-Istati tal-EFTA.

(m) Fl-Artikolu 79:

(i) fil-paragrafu 1 il-kliem ‘kif provdut fl-Artikolu 76(1)’ u ‘previst fl-Artikolu 76(1)’ m’għandux japplika fir-rigward tal-Istati tal-EFTA;

(ii) is-subparagrafu li ġej jiżdied ma’ paragrafu 2:

‘Il-konklużjoni ta’ tali ftehimiet ta’ kooperazzjoni m’għandhiex tkun mandatorja għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni tal-Istati tal-EFTA.’.”

5. Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 31cb (ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“31cba. **32023 R 0450**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/450 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-ordni li fih is-CCPs għandhom iħallsu l-kumpens imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/23, l-għadd massimu ta’ snin li matulhom dawn is-CCPs għandhom jużaw sehem mill-profitti annwali tagħhom għal tali pagamenti lill-pussessuri ta’ strumenti li jirrikonoxxu pretensjoni fuq il-profitti futuri tagħhom u s-sehem massimu ta’ dawn il-profitti li għandu jintuża għal dawn il-pagamenti (ĠU L 67, 3.3.2023, p. 5).

31cbb. **32023 R 0451**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/451 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jispeċifika l-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità kompetenti u mill-kulleġġ superviżorju meta jiġi vvalutat il-pjan ta’ rkupru tal-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 67, 3.3.2023, p. 7).

31cbc. **32023 R 0840**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/840 tal-25 ta’ Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-metodoloġija għall-kalkolu u ż-żamma tal-ammont addizzjonali ta’ riżorsi proprji ddedikati prefinanzjati li għandhom jintużaw f’konformità mal-Artikolu 9(14) ta’ dak ir-Regolament (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 29).”

*Artikolu 2*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 4 (id-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XII tal-Ftehim ŻEE:

“— **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1).”

*Artikolu 3*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 1 (id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), 10d (id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u 10g (id-Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XXII tal-Ftehim ŻEE:

“— **32021 R 0023**: Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 (ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1).”

*Artikolu 4*

It-testi tar-Regolament (UE) 2021/23 u r-Regolamenti Delegati (UE) 2023/450, (UE) 2023/451 u (UE) 2023/840 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […], dment li n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … (7) [li tinkorpora {ir-Regolament (UE) 2019/2099} fil-Ftehim ŻEE], jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' … (8) [li tinkorpora {id-Direttiva (UE) 2019/2121} fil-Ftehim ŻEE] skont liema minnhom tkun l-aktar tard.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi …, ….

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

(*) [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali].

(7) ĠU L …

(8) ĠU L …